



L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: L-Implimentazzjoni ta' Għodod għat-Taħriġ li Jiffavorixxu l-Applikazzjoni Korretta tad-Dritt tal-UE u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali

Tip ta' prassi: Prassi tajba

Pajjiż: L-Ungerija (il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja)

April, 2014

Isem tal-prassi	L-Imħallfin u l-Prosekuturi mill-Pajjiżi u r-Reġjuni Ġirien jiġu Mħarrġa Fimkien fid-Dritt (u l-Lingwa) tal-UE - Riflessjoni tal-"Kooperazzjoni Operazzjonali" Eżistenti
Karatteristiċi ewlenin:	<p>L-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju tal-grupp ta' pajjiżi tal-Visegrad (V4) stabbilixxew kooperazzjoni reġjonali b'saħħitha, li tikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa. L-istituzzjonijiet li qed jieħdu sehem f'din il-kooperazzjoni huma: l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura u tal-Prosekuzzjoni Pubblika tal-Polonja; l-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Ċeka; l-Akkademja Ġudizzjarja tar-Repubblika Slovakkja; l-Akkademja tal-Ġustizzja Ungeriża mwaqqfa fi ħdan l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura fl-Ungerija u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija.</p> <p>Dawn l-istituzzjonijiet jemmnu li, minħabba raġunijiet storiċi, il-prossimità ġeografika tagħhom, u l-esperjenzi simili li għandhom b'rabta mal-integrazzjoni tal-UE, huma jikkondividu l-istess ħtiġijiet f'dak li jirrigwarda t-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea. F'dawn l-aħħar tliet snin, ġew organizzati diversi attivitajiet ta' taħriġ.</p> <p>Eżempju minnhom huwa l-proġett li ġie żviluppat mill-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju ta' tlieta mill-pajjiżi tal-Visegrad (ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja) u l-Kroazja, imsejjaħ "Taħriġ fil-Lingwa għall-Imħallfin u l-Prosekuturi". Il-proġett huwa kkoordinat mill-Ministeru Ungeriż tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja u mil-lat finanzjarju huwa appoġġjat mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-kompetenzi u l-ħiliet ġuridiċi u</p>

	<p>professionali kif ukoll dawk fil-lingwa Ingliża tal-imħallfin u l-prosekuturi kriminali li jkunu qed jipparteċipaw fih. It-taħriġ fil-lingwa jiffoka fuq it-terminoloġija ġuridika tad-dritt ġenerali tal-Unjoni Ewropea u tal-atti legali tal-Unjoni, u b'mod partikolari fuq it-terminoloġija ġuridika li tintuża fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Din il-prassi tintuża fit-taħriġ kontinwu.</p> <p>Eżempju ieħor huwa s-sensiela ta' seminars ta' taħriġ li jittrattaw it-temi li ġejjin: "Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fl-UE, b'mod speċjali fil-Grupp V4", "Il-provi fil-proċedimenti kriminali. Il-Progress fil-Forensika. Ir-rwol u l-importanza tal-eżaminazzjoni tax-xena tad-delitt", "Miżuri korrettivi f'każ ta' ksur tad-dritt tal-UE", "Skambju ta' rekords kriminali u l-kunsiderazzjoni ta' kundanni fl-UE", "Il-kisba u l-ammissibilità ta' provi barranin fl-UE: mill-assistenza reċiproka għar-rikonoxximent reċiproku", "Estradizzjoni u konsenja: il-Mandat ta' Arrest Ewropew", "L-etika professjonali tal-imħallf u tal-prosekutur", "Il-ġlieda kontra l-frodi", u "Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali – fuq livell Ewropew u reġjonali".</p> <p>F'kull attività, kull sieħeb jista' jaħtar għaxar parteċipanti, imħallfin jew prosekuturi. Il-ħarrieġa jiġu mistiedna mill-pajjiżi ta' orijini tas-sħubija tal-kooperazzjoni. L-attivitajiet ta' taħriġ huma ffinanzjati mill-istituzzjonijiet li jorganizzawhom (minbarra l-ispejjeż marbuta mal-ivvjaġġar). Il-lingwi ta' ħidma huma l-Ingliż u l-lingwa tal-istituzzjoni ospitanti.</p> <p>Apparti dawn l-attivitajiet ta' taħriġ, il-proġett sarraf fil-ħolqien ta' pula ta' esperti fir-reġjun f'dan il-qasam tal-liġi. Barra minn hekk, irriżulta li din il-prassi hija l-aħjar għodda biex jinħoloq fehim reċiproku fost l-imħallfin u l-prosekuturi tar-reġjun, billi tirrinforza r-relazzjonijiet u n-netwerks reċiproċi tagħhom.</p>
<p><i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i></p>	<p>Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (L-Akkademja Ungeriża tal-Ġustizzja)</p> <p>Indirizz postali: 1363 Pf.: 24 Budapest, Indirizz għaż-żjarat: Szalay u. 16 1055 Budapest</p> <p>L-Ungerija</p> <p>Telefon: + 36 1 354-4100</p> <p>Faks: + 36 1 312-4453</p> <p>Posta elettronika: obh@obh.birosag.hu</p> <p>Websajt: http://www.birosag.hu/obh</p>
<p><i>Kummenti</i></p>	<p>Din il-prassi qed tiġi applikata f'attivitajiet ta' taħriġ fil-qafas tat-taħriġ</p>

oħrajn

kontinwu. Hija trasferibbli, b'mod partikolari meta jkun hemm diġà strutturi għall-kooperazzjoni reġjonali.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi*", magħmul min-*Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)*